MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 94/2008

Kawza fil-lista: 42

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi l-partijiet izzewgu fit-30 ta’ Novembru tas-sena elfejn u tnejn (2002) gewwa l-Knisja Parrokkjali ta’ l-Immakulata Kuncizzjoni, Bormla, kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok. A, u

2. Illi minn dan iz-zwieg, il-kontendenti kellhom tifel, E, li twieled fit-12 ta’ Lulju 2007, u kwindi ghadu minuri.

3. Illi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-dmirijiet essenzjali taghha, jew b' anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, ai termini tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta, u

4. Illi oltre dan, l-kunsens tal-konvenut inkiseb bl-ekluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg, ai termini tal-Artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex dina l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessaarja u opportuna, m' ghandhiex taqta' u tiddeciedi billi:

Tiddikjara z-zwieg ta' bejn il-kontendenti ccelebrat fit-30 ta' Novembru tas-sena elfejn u tnejn (2002) gewwa l-Knisja Parrokkjali ta' l-Immakulata Kuncizzjoni, Bormla, null u bla effett, kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa' ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li biha, filwaqt li ddikjara li jaqbel li z-zwieg huwa null, jsostni li l-capita nullitatis indikati mill-attrici jikkonfiguraw fil-konfront taz-zewg partijiet ;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fit-30 ta' Novembru 2002

huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-konvenut kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Minn naha tieghu l-konvenut jattribwixxi n-nullita' taz-zwieg ghan-nuqqasijiet taz-zewg partijiet fit-termini ta' l-artikoli precitati.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fit-30 ta' Novembru 2002 meta allura l-attrici kellha 22 sena u l-konvenut kellu 24 sena, u wara li kienu ilhom johorgu flimkien circa tmien snin. Fit-12 ta' Lulju 2007 twieled tifel. Wara konvivenza matrimonjali ta' circa erba' [4] snin, il-partijiet isseparaw de facto.

*Verzjoni Attrici*

Illi l-attrici tispjega li wara li l-partijiet kienu ilhom zmien twil johrogu flimkien, hija pproponiet li jizzewwgu, anke peress li kienu akkwistaw dar minn familjari ta' l-attrici. Inizjalment il-konvenut kien irrezista l-proposta ta' l-attrici, peress li hassu li ma kienx ghadu preparat ghaz-zwieg ; izda l-insistenza ta' l-attrici, u l-influwenza u pressjoni kbira mill-ġenituri tieghu li kienu ferhanin bl-attrici, kienu tali, li eventwalment il-konvenut ceda u accetta li jizzewweg. L-attrici tghid li, anke meta accetta li jizzewweg, il-konvenut ma kienx juri entuzjazmu ghaz-zwieg.

Illi matul il-konvivenza matrimonjali kienet l-attrici li tmexxi u tiehu d-decizjonijiet ghall-familja ; u wara circa sena miz-zwieg din bdiet tissikka lill-konvenut biex jipprovaw ghat-tfal. Il-konvenut, irreagixxa bl-istess mod li kien irreagixxa ghall-proposta taz-zwieg, u kien jnghalaq fih in-nifsu, u jevita li jiddiskuti ma' l-attrici fuq dan is-suggett. Eventwalment, il-konvenut ceda ghall-insistenza ta' l-attrici, u din harget tqila ; izda meta kellha tlett xhur tqala, il-konvenut telaq mid-dar konjugali, u ma taha ebda appogg tul il-gravidanza taghha, ghajr li kien imur maghha ghall-visti ghand it-tabib.

Illi konsegwentement l-attrici kienet marret ghand il-Psikoterapista Dottor Charles Cassar, u f' okkazzjoni minnhom il-konvenut kien qallha biex imorru flimkien ghand dan il-psikoterapista "halli jghidlek dak li jiena qatt ma' ghidtlek." L-attrici tghid li waqt is-seduta l-konvenut kien qallha "li hu dahal fiz-zwieg li ma riedx, u li hu speci zzewweg ghax ma riedx jinkwieta lil ommu u lil missieru u minhabba l-familja tieghu, u hafna affarijiet ohra." Kien qallha li kien accetta li jkollhom it-tfal "sforz kemm insistejt jien [l-attrici]."

*Verzjoni Konvenut*

Illi l-konvenut jaqbel mal-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-attrici. Huwa jghid li kien telaq mid-dar matrimonjali "ghaliex bazikament ma flahtx aktar li nibqa' fil-hajja mizzewga kif kienu ghaddejjin l-affarijiet."

Jikkonferma li kienet l-attrici kien kienet ghamlet "pressjoni biex nizzewwgu, jiena qisni dejjem nipprova kemm jista' jkun nitfa' d-data l' quddiem". Jghid li ommu kienet ghamlet pressjoni fuqu biex ma jitlifx lill-attrici, u meta kien hassar ghal xi zmien, il-genituri tieghu kienu haduha bil-kbir hafna. Jirribadixxi li hu ma kienx kuntent li ser jizzewweg lill-attrici u jghid: "Bzajt niehu decizjoni li jekk ma ridtx nibqa' fir-relazzjoni, ma ridtx u daqshekk…..Ma kontx kuntent li zzewwigt, kont sfurzat biex nizzewweg."

Illi l-istat mentali tal-konvenut fil-mument taz-zwieg, u wara, kif fuq delineat, jinsab konfortat mix-xhieda tal-psikoterapista li, inter alia, jghid li l-konvenut "induna li mizzewweg meta nqabdet tqila, hemmhekk ra li hu marbut bir-responsabbilita'. Hemmhekk gie f' sensih illi vera mizzewweg dan, fil-fatt malli nqabdet tqila, u qaltlu li hi pregnant kellu cold feet u harab l-hemm."

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi l-Qorti semghet lill-partijiet jiddeponu, u x-xhieda mressqa minnhom ; u taghtihom affidament.

Illi mill-provi mismugha, u tenut kont tad-depozizzjoni tal-psikoterapista, il-Qorti hija tal-fehema li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali tieghu, il-konvenut kien

affett minn difett serju ta diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali, u wkoll ma kellux l-ghazla libera. B' hekk dahal f' sitwazzjoni li ntebah bl-import taghha, wara li martu qaltlu li kienet tqila.

Ghalhekk jikkonfigura fil-konfront tieghu l-*caput nullitatis* kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat. Da parti ta' l-attrici ma jikkonfigurawx il-capita nullitatis fuq indikati.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehema li t-talba ta' l-attrici hija fondata fil-fatt u fid-dritt skond l-artikolu 19[1][d] tal-Kap.255, u ghalhekk timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-30 ta' Novembru 2002.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------